# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Mejju, 2002.**

**Numru 1**

**Rikors Nru. 584/97GV**

Doc. No. 259-02

***Maria Debono***

***vs***

***Kummissarju tal-Pulizija u l-Police Licences Appeal Tribunal***

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti esponiet:

Illi hija tgawdi licenzja minghand l-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex topera il-hanut maghruf ahjar bhala "Didie's Bar" li jinsab fi Triq it-Turisti, Bugibba;

Illi dan il-hanut jinsab fi triq kummercjali hafna f'post turistiku u li fi triq hemm diversi hwienet simili b'istess generu ta' licenzja;

Illi l-esponenti proprju f'Novembru 1995, l-intimat Kummissarju fuq parir ta' l-intimat Police Licences Appeals Tribunal, zied kundizzjoni fil-licenzja ta' l-esponenta li tghid li "l-parapett (tal-hanut Didie's Bar) m'ghandux jintuza kummercjalment wara l-hdax ta' fil-ghaxija (11.00p.m.)", u dan meta l-istess licenzja tal-hanut hija operattiva sas-siegha ta' filghodu (1.00a.m.), liema kundizzjoni giet imposta lill-esponenta biss fl-"*area*" kollha ta' Bugibba jew

mhux fl-*area* kollha ta' Malta u Ghawdex, liema prova ta' dan tirrizulta waqt il-provi ta' dan ir-rikors;

Illi l-esponenta permezz tal-protest ufficjali taghha f'Settembru li ghadda tal-1996, interpellat fost ohrajn lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex jirregola l-posizzjoni tieghu u dan peress li dan l-agir barra li huwa irresponsabbli, huwa wkoll diskriminatorju u 'llegali peress li mhux bazat fuq dritt u wkoll barra minn hekk qieghed jillimita l-istess tgawdija tal-proprjeta' privata u kummercjali ta' l-esponenta, liema agir abusiv imur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta in partikolari l-artikolu 37 u l-artikoli 8 u 14 ta' l-Att XIV ta' 1987, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenta titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-agir ta' l-intimati jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni u l-Att 319 tal-Ligijiet ta' Malta u wkoll titlob li barra tpoggi l-esponenta taht il-licenzja kif kienet qabel Novembru, 1995 minghajr dina l-kundizzjoni imposta, tigi wkoll kumpensata ghad-danni li gew rekati lilha proprju minn Novembru 1995.

Rat ir-risposta tal-intimati a fol. 7 fejn esponew:

1. Illi l-'Police Licences Appeals Tribunal' m'ghandux '*locus standi*' f'dawn il-proceduri stante li dan huwa biss bord konsultattiv li m'ghandux personalita guridika distinta;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess dina l-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni taghha taht l-Art 46 tal-Kostituzzjoni u taht l-Att XIV ta' l-1987 stante li l-vertenza f'din il-kawza hija wahda prettament ta' dritt amministrattiv li taqa' b'mod car fil-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qrati taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-fatti ta' dan il-kaz ma jqajjmu ebda kwistjoni rigwardanti l-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u 8

tal-Konvenzjoni Ewropeja u, wisq inqas dwar l-Artikoli 14 tal-Konvenzjoni peress illi din il-kawza tittratta biss dwar awtorizzazzjoni ta' uzu ta' parapett ghal skopijiet kummercjali wara l-11.00p.m. u certament l-uzu kummercjali ta' parapett wara l-11.00 p.m. ma jikkostitwix dritt fondamentali u ma jqajjimx kwistjonijiet dwar id-dritt ghall-proprjeta' jew ta' l-intimita tad-dar;

4. Subordinatament u fil-meritu, t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-esponent ma wettaq ebda lezjoni ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

Rat l-eccezzjonijiet ulterjuri a fol. 82 fejn l-intimati eccepew li l-Art. 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-kazijiet ta' licenzji tal-Pulizija kif gie deciz f'sentenza ricenti li kopja taghha ser tigi ezebita ulterjorment;

Rat il-verbal a fol. 87 li bih giet irtirata l-istess eccezzjoni ulterjuri;

Rat is-sentenza preliminari tal-14 ta' Lulju, 1997 fol. 16;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semghet lil Avukati difensuri jittrattaw;

**ECCEZZJONI**

L-intimat eccepixxa li dina l-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita l-gurisdizzjoni taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taht l-Att X1V ta' l-Att tal-1987 stante li l-vertenza f'dina l-kawza hija wahda prettament ta' dritt amministrattiv li taqa' b'mod car fil-gurisdizzjoni ordinarja tal-Qrati taht l-artikolu 469A tal-Kap 12.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

L-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni, proviso, hu identiku fid-dicitura ghall-proviso tas-subinciz 2 ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319).

Il-proviso ta' l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jghid:

"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra".

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994, fil-kawza fl-ismijiet Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk dwar dina s-setgha li ghandha l-Qorti:

"Minn din ir-rassenja ta' sentenzi kemm ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' dik il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji gjurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.

(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-ezercizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.

(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandhiex tezercita l-

gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' ser jirrimedja hlief in parte l-lanjanzi tar-rikorrent;

(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz;

(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-Qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni".

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta' Lulju, 1995 fl-ismijiet "Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija" u l-ohra deciza fil-21 ta' April, 1995 fl-ismijiet "Anton Scicluna pro et noe vs Prim. Ministru". Ara wkoll sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru et" deciza fis-6 ta' April, 1995.

Il-proviso tas-subinciz 2 ta' l-Art. 46 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987, jipprovdu ghall-ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Prim'Awla li tirrifjuta s-setgha taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel". Ezercizzju ta' diskrezzjoni wiesgha li l-Kostituzzjoni gustament tinvesti fil-Qorti fl-ewwel grad, li ghandha kompetenza originali esklusiva biex tinvesti kazijiet ta' din ix-xorta, u dana sabiex tassigura li l-process gjudizzjarju kostituzzjonali ma jigix abbuzat. Ezercizzju ta' diskrezzjoni li hi taghmel meta u wara li tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedji ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna rikorrenti <u>skond xi ligi ohra</u>. Sodisfazzjoni li jehtieg li jkun bazat fuq <u>stat ta' fatt</u> attwali u objettivament stabbilit tad-disponibilita' ta' rimedju ghall-ksur allegat u li, fil-kostatazzjoni tieghu, ma kien jippermetti l-ebda element diskrezzjonali. Id-decizjoni li taghmel dik l-ewwel Qorti dwar jekk huwiex jew le disponibbli, jew jekk kienx

jew le disponibbli rimedju xieraq taht xi ligi ohra, hi ghalhekk decizjoni fuq dan l-istat ta' fatt.

Hu biss meta tirrizulta bhala fatt l-accessibilita' ta' rimedji ohra taht xi ligi ohra fit-termini ta' din id-disposizzjoni, li l-Ewwel Qorti tista' tiddelibera jekk kellhiex tiddeklina li tezercita' s-setghat taghha, jekk hekk ikun jidhrilha desiderabbli li taghmel. Li jfisser illi:

(1) fejn jirrizulta li ma hemmx u ma kienx hemm tali rimedju taht xi ligi ohra, il-Qorti kienet obbligata li tiehu konjizzjoni tal-mertu kostituzzjonali;

(2) Fejn jirrizulta li hemm jew kien hemm rimedju, il-Qorti tista' xorta tiddeciedi li tinvesti l-mertu jew setghet, jekk hekk jidhrilha desiderabbli li taghmel, tiddeciedi li tiddeklina li tezercita s-setghet taghha. Poter diskrezzjonali li hu notat li l-Prim'Awla ma ghandhiex, u ma kellhiex, tezercita' fejn jirrizultalha li l-applikazzjoni kienet semplicement frivola u vessatorja ghaliex f'dan il-kaz il-Kostituzzjoni tuza t-terminu "ghandha", u mhux " tista' " (ara sentenza E. Zahra vs Awtorita' ta' l-Ippjanar App Kost. 31.5.1999).

Il-principju kostituzzjonali huwa li l-Qorti Kostituzzjonali hi marbuta li taghti rimedju fejn tkun sodisfatta li ma jkunx hemm rimedju xieraq u adegwat taht xi ligi ohra.

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha diskrezzjoni li taghzel li tiddeklina li tezercita s-setgha taghha jekk hi sodisfatta li kien hemm mezzi xierqa ta' rimedju ta' l-allegat ksur jew ghadhom disponibbili favur ir-rikorrent taht xi ligi ohra.

Pero' mhux eskluz lanqas li taghti rimedju kostituzzjonali fil-kazijiet fejn anke jirrizulta li r-rikorrent kellu xi rimedju taht xi ligi ohra.

Il-Kostituzzjoni tqis rilevanti l-ksur tal-jedd fondamentali fih innifsu u mhux ir-rimedju jew rimedji accessibli ghall-parti leza

**Tikkunsidra**

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed toggezzjona ghall fatt li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija fuq parir tal-Police Licences Appeal Tribunal, zied kundizzjoni fil-licenzja li hija kellha, li tghid li "l-parapett (tal-hanut Didie's Bar) m'ghandux jintuza kummercjalment wara l- 11.00 p.m.'.

L-intimat issottometta li kien qed ikollhom hafna ilmenti dwar storbju gej mill-hanut tar-rikorrenti. Il-kaz kien tressaq quddiem il-Bord ta' Pariri dwar Licenzji tal-Pulizija u wara quddiem it-Tribunal ta' l-Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija u kien inghata parir li tizdied il-kondizzjoni imsemmija. Hu fil-fatt kien dahhal dina l-kundizzjoni fil-licenzja tar-rikorrenti skond il-parir li kien irceva.

L-allegat agir abuziv tal-intimat Kummissarju tal-Pulzija jaqa' sewwa fil-parametri tad-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" stabbilit fis-subinciz (2) tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, dwar hrug ta' kull ordni, licenza, permess etc.

Illi s-subinciz (1)(ii) tal-Artikolu 469A jaghti lill Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza civili, gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu u minghajr effett f'diversi kazijiet, fosthom per ezempju meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz ta' setgha ….

Illi ghalhekk jirrizulta bhala fatt li r-rikorrenti apparti li setghet talbet rikonsiderazzjoni tad-decizjoni tal-Kummissarju, (ara xhieda ta' l-intimat), kellha wkoll ghad disponibbili taghha l-azzjoni ghall *judicial review* taht l-artikolu 469A.

Dwar jekk dina l-Qorti ghandhiex tiddeklina li tezercita l-gurisdizzjoni taghha, l-Qorti tifhem li bl-emendi li saru ghal Kodici ta' Procedura meta gie introdott

l-artikolu 469A fil-1995 ghall istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva (qabel gie introdott dana r-rikors), il-legislatur ried li jirranga s-sitwazzjoni li kienet tezisti meta kienu gew fis-sehh l-emendi tal Att V111 tal-1981 fejn fil-prattika b'dik il-ligi kien gie eliminat kull forma ta' *judicial review*, u fejn ghalhekk ic-cittaddin kien kostrett illi aktar iva milli le, li jirrikorri ghar-rikors kostituzzjonali bhala l-unika tarka effettiva ghall protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu. Illum pero' s-sitwazzjoni nbidlet u l-artikolu 469A jaghti protezzjoni wiesa' hafna kontra abbuzi mill-lat amministrattiv u ghalhekk ma jkunx ghaqli li 'ssa ma ssirx distinzzjoni bejn gurisdizzjoni kostituzzjonali u gurisdizzjoni ghall-rimedju amministrattiv.

In vista ta' dan li ntqal dina l-Qorti ser tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddeklina milli tezercita l-guridisdizzjoni kostituzzjonali taghha taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja stante li r-rikorrenti kellha rimedji ohra taht il-ligi ordinarja li ma nqditx bihom,

Tichad it-talba tar-rikorrenti ghal rimedju taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja.

Bl-ispejjez kontra taghha.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**